

32003L0115

L 24/65

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.1.2004

**ID-DIRETTIVA 2003/115/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Diċembru 2003
li temenda d-Direttiva 94/35/KE dwar hlewriet għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel, skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-addittivi ta' l-ikel awtorizzati għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽³⁾,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 94/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar hlewriet għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel ⁽⁵⁾ tippreskrivi lista tal-hlewriet li jistgħu jintużaw fil-Komunità u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom.
- (2) Mill-1996, żewġ hlewriet ġodda, *sucralose* u *melħ* ta' *l-aspartame* u *acesulfame*, ġew aċċettati għall-użu fl-ikel mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel.
- (3) L-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel fuq *is-cyclamic acid* u s-sodju tiegħu u l-mel tal-kalċju (li wassal għall-istabbiliment ta' doża ġdida aċċettabbli ta' kulljum (ADI)) u studji reċenti dwar id-doża ta' *cyclamates* wasslu għal tnaqqis fid-dożi massimi użabbli ta' *cyclamic acid* u s-sodju tiegħu melħ tal-kalċju.
- (4) It-tismija ta' ċerti kategoriji ta' ikel fid-Direttiva 94/35/KE għandha tiġi adattata biex tagħti kont tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 1992 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' supplimenti ta' l-ikel ⁽⁶⁾ u

ta' direttivi speċifiċi adottati għal xi gruppi ta' oġġetti ta' l-ikel elenkati fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE ⁽⁷⁾.

- (5) L-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel konċernati jikkonforma mal-kriterji ġenerali preskritti fl-Anness II li jinsab mad-Direttiva 89/107/KEE.
- (6) L-Artikoli 53 u 54 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jippreskrivi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi dwar l-ikel, jistabbilixxu l-Awtorità Ewropea għas-Sigurezza ta' l-ikel u jippreskrivu proċeduri ta' kwistjonijiet dwar is-sigurezza ta' ikel ⁽⁸⁾ u jstabbilixxu proċeduri għat-teħid ta' miżuri ta' emerġenza b'relazzjoni ma' ikel ta' oriġini fil-Komunità jew importat minn pajjiż terz. Dawn jippermettu lill-Kummissjoni li tadotta dawk il-miżuri f'sitwazzjonijiet fejn l-ikel x'aktarx li jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent u fejn dak ir-riskju ma ikunx jista' jiġi kontenut b'mod sodisfaċenti b'miżuri meħuda mill-Istat/i Membru/i konċernat/i.
- (7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/35/KE għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ⁽⁹⁾.
- (8) Id-Direttiva 94/35/KE għandha għalhekk tiġi hekk emendata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 94/35/EC hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Jista' jiġi deċiż skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 7:

— fejn ikun hemm differenzi ta' opinjoni dwar jekk hlewriet jistgħux jintużaw f'oġġetti partikolari ta' l-ikel taħt it-termini ta' din id-Direttiva, dwar jekk oġġetti ta' l-ikel għandux jiġi kunsidrat bħala li jappartjeni għal xi waħda mill-kategoriji elenkati fit-tielet kolonna ta' l-Anness, u

⁽¹⁾ ĠU C 262 E of tad-29.10.2002, p. 429.

⁽²⁾ ĠU C 85, tat-8.4.2003, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 1).

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' April 2003 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003 (ĠU C 277 E, tat-18.11.2003, p. 1) u posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2003 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 3. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 96/83/KE (ĠU L 48, tad-19.2.1997, p. 16).

⁽⁶⁾ ĠU L 183, tat-12.7.2002, p. 51.

⁽⁷⁾ ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 27. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 172, tat-8.7.1999, p. 38).

⁽⁸⁾ ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

— jekk addittiv ta' l-ikel elenkat fl-Anness u awtorizzat bħala 'quantum satis' jintużax skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 2.”;

2. tiolet inċiż għandu jizzied ma' l-Artikolu 5(2):

“— bejgħ ta' *aspartame* u *acesulfame*: 'fih sors ta' *phenylalanine*'.”;

3. l-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabilbit bis-saħħa ta' l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (*), hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat'.

2. Kull fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**) għandhom japplikaw, wara li jingħata kont tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffixat bħala wieħed ta' tlett xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

(*) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1

(**) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23).”

4. l-Anness għandu jiġi emendat skond l-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Sad-29 ta' Jannar 2006 l-aktar tard, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jelenka l-progress magħmul fir-rivalutazzjonijiet li jkunu qed isiru ta' addittivi u li jstabilixxi kalendarju provviżorju għal rivalvalutazzjonijiet futuri, speċjalment dawk għal *sucralose* u melħ ta' l-*aspartame-acesulfame*. Dawn ir-rivalutazzjonijiet għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' tagħrif tal-konsumatur provdut mill-Istati

Membri u għandhom jagħtu kont ta' l-effetti ta' addittivi fuq gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sabiex:

— jawtorizzaw il-kummerċ fi u l-użu ta' prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva l-aktar tard sad-29 ta' Jannar 2005,

— jipprojbixxu l-kummerċ fi u l-użu ta' prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva l-aktar tard sad-29 ta' Lulju 2005; iżda, prodotti mqegħda fis-suq qabel dik id-data li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva jistgħu jiġu *marketed* sad-29 ta' Jannar 2006.

Huma għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu kif għandha ssir dik ir-referenza.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

A. MATTEOLI

ANNEX

L-Anness li jinsab mad-Direttiva 94/35/KE huwa b'dan emendat kif ġej:

1. fit-tielet kolonna tat-tabelli l-kategoriji li ġejjin ta' oġġetti ta' l-ikel għandhom jiġu imsemmija mill-ġdid:
 - (a) minflok "Formoli sħaħ għall-kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ammont ta' ikel totali ta' kull jum jew ta' ikla individwali" għandu jaqra "Ikel maħsub għall-użu f'dieta ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmi fid-Direttiva 96/8/KE (*);"
 - (b) minflok "Formoli sħaħ u supplimenti ta' nutriment għall-użu taħt sorveljanza medika" għandu jaqra "Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE (**);"
 - (c) minflok "Supplimenti ta' ikel likwidu/integraturi tad-dieta" għandu jaqra "Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE (***) provduti f'forma likwida";
 - (d) minflok "Supplimenti ta' ikel solidu/integraturi tad-dieta" għandu jaqra "Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida";
 - (e) minflok "Supplimenti ta' ikel solidu/integraturi tad-dieta bbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali, tat-tip ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu" għandu jaqra "Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu";

2. in-noti fl-aħħar tal-paġna li ġejjin għandhom jiżdiedu wara t-tabelli:

(*) Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż (ĠU L 55, tas-6.3.1996, p. 22).

(**) Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi (ĠU L 91, tas-7.4.1999, p. 29).

(***) Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' supplimenti ta' l-ikel (ĠU L 183, tat-12.7.2002, p. 51)."

3. għall-E 951 "Aspartame" il-kategorija li ġejja għandha tiżdied taħt "Ħelu":

"— Essoblaten	1 000 mg/kg"
---------------	--------------

4. għall-E 952 *cyclamic acid* u *s*-sodji tiegħu u l-melħ tal-kalċju:

- (a) għall-kategoriji li ġejjin ta' oġġetti ta' l-ikel, id-doża massima użabbli ta' "400 mg/l" għandha tiġi sostitwita bi "250 mg/l":

— Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud;

— Ħalib- u xorb fuq bażi miksub mill-ħalib jew fuq bażi ta' sugu tal-frott, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud;

- (b) il-kategoriji li ġejjin ta' oġġetti ta' l-ikel u d-dożi massimi użabbli għandhom jitħassru:

"— Ħelu mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
— Ħelu bbażat fuq il-kawkaw jew fuq frott imnixxef, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
— Ħelu bbażat fuq il-lamtu, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
— Ċjuwing ġamm mingħajr zokkor miżjud	1 500 mg/kg
— Ħelu żgħir biex jiffriska n-nifs, mingħajr zokkor miżjud	2 500 mg/kg
— Silġ li jittiekkel, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg"

5. it-tabelli li ġejjin għandhom jiżjeddu:

"Nru KE	Isem	Oġġetti ta' l-ikel	Doża massima użabbli
E 955	Sucralose	<p>Xorb mhux alkoħoliku</p> <ul style="list-style-type: none"> — Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 300 mg/l — Ħalib u xorb b'bażi miksub mill-ħalib jew ibbażat fuq sugu tal-frott, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 300 mg/l <p>Diżerta u prodotti simili</p> <ul style="list-style-type: none"> — Diżerti bbażati fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Ħalib u preparazzjonijiet ibbażati fuq derivattivi mill-ħalib, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Diżerti bbażati fuq frott u ħxejjex, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Diżerti bbażati fuq il-bajd, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Diżerti bbażati fuq ċereali, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Diżerti bbażati fuq xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — 'Ikliet zġhar': ċerti toġhmiet ta' prodotti lesti għall-ikel, ippakkjati minn qabel, niexfa b'lamtu bit-togħma u lewż miksi 200 mg/kg <p>Ħelu</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ħelu mingħajr zokkor miżjud 1.000 mg/kg — Ħelu bbażat fuq il-kawkaw jew frott imnixxef, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 800 mg/kg — Ħelu bbażat fuq il-lamtu, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 1.000 mg/kg — Kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud 800 mg/kg — Essoblaten 800 mg/kg — Tidlik għal fuq il-ħobż ibbażat fuq il-kawkaw, ħalib, frott imnixxef jew xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Ċereali għall-kolazzjon b'kontenut ta' fibra ta' aktar minn 15 %, li ikun fih ta' l-anqas 20 % ta' granza, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 400 mg/kg — Ħelu zġhir biex jiffriska n-nifs mingħajr zokkor miżjud 2.400 mg/kg — Pastilji tal-griżmejn b'togħma qawwija li tiffriha mingħajr zokkor miżjud 1.000 mg/kg — Ċjuwing ġamm mingħajr zokkor miżjud 3.000 mg/kg — Pilloli fil-forma ta' ħelu li jnaqqsu l-enerġija 200 mg/kg — Sidru u xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas 50 mg/l — Xorb li jikkonsisti f'taħlit ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, sidru, xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas, spirti jew inbid 250 mg/l — Xorb spirituż li ikun fih anqas minn 15 % alkoħol skond il-volum 250 mg/l — Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jisboqx il-1,2 % vol 250 mg/l 	

Nru KE	Isem	Oġġetti ta' l-ikel	Doża massima użabbli
		<ul style="list-style-type: none"> — 'Bière de table/Tafelbier/Table beer' (kontenut oriġinali wort ta' anqas minn 6 %) ħlief għall-'Oberjähriges Einfachbier' — Birra b'aċidità minima ta' 30 milli-equivalenti espressi bħala NaOH — Birra kannella tat-tip 'oud bruin' — Birra b'enerġija mnaqqsa — Silġ li jittiekel, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — Frott fil-laned jew ibbottiljat, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — Kunserva b'enerġija mnaqqsa, ġelli u marmellati — Frott bl-enerġija mnaqqsa u preparazzjonijiet ta' ħxejjex — Frott u ħxejjex ħelwin-morri ppriservati — <i>Feinkostsalat</i> — Ħut u marinati ħelwin-morri priservati jew semi-priservati, krstaċi u molluski — Sopo b'enerġija mnaqqsa — Zlazi — Mustarda — Prodotti fini tal-furnara għal użu speċjali ta' nutriment — Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija mnaqqsa għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmija fid-Direttiva 1996/8/KE — Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċinali kif definit fid-Direttiva 1999/21/KE — Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma likwida — Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida — Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, bbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduta f'forma ta' tip ta' ġulepp jew li jintmagħdu 	<ul style="list-style-type: none"> 250 mg/l 250 mg/l 250 mg/l 10 mg/l 320 mg/kg 400 mg/kg 400 mg/kg 400 mg/kg 180 mg/kg 140 mg/kg 120 mg/kg 45 mg/l 450 mg/kg 140 mg/kg 700 mg/kg 320 mg/kg 400 mg/kg 240 mg/l 800 mg/kg 2.400 mg/kg
E 962	Melħ ta' l- <i>aspartame-acesulfame 1</i> (*)	<p>Xorb mhux alkoħoliku</p> <ul style="list-style-type: none"> — Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — Xorb minn ħalib u minn derivattivi bbażati fuq il-ħalib jew ibbażat fuq is-sugu tal-frott, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud <p>Diżerta u prodotti simili</p> <ul style="list-style-type: none"> — Diżerti bbażati fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — Ħalib u preparazzjonijiet ibbażati fuq derivattivi mill-ħalib, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — Diżerti bbażati fuq frott u ħxejjex, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 	<ul style="list-style-type: none"> 350 mg/l (a) 350 mg/l (a) 350 mg/kg (a) 350 mg/kg (a) 350 mg/kg (a)

(*) Id-dożi massimi li jistgħu jintużaw għall-melħ ta' l-*aspartame-acesulfame* jinkisbu mid-dożi massimi li jistgħu jintużaw għall-partijiet kostitwenti tiegħu, *aspartame* (E951) u *acesulfame-K* (E950). Id-dożi massimi li jistgħu jintużaw kemm għall-*aspartame* (E951) u *acesulfame-K* (E950) ma għandhomx jinqabżu bl-użu tal-melħ ta' l-*aspartame-acesulfame*, jew waħdu jew b'kombinazzjoni ma' l-E950 jew E951. Il-limiti f'din il-kolonna huma espressi jew bħala (a) ekwivalenti ta' *acesulfame-K* jew (b) ekwivalenti ta' l-*aspartame*.

Nru KE	Isem	Oġġetti ta' l-ikel	Doża massima użabbli
		— Diżerti bbażati fuq il-bajd, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Diżerti bbażati fuq ċereali, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Diżerti bbażati fuq xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Ikljet ħfief: ċerti toġhmiet ta' prodotti lesti għall-ikel, ippakkjati minn qabel, niexfa bil-lamtu bit-toġhma u lewż miksi	500 mg/kg (b)
		Ħelu	
		— Ħelu mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg (a)
		— Ħelu bbażat fuq il-kawkaw jew frott imnixxef, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg (a)
		— Ħelu bbażat fuq il-lamtu, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1.000 mg/kg (a)
		— <i>Essoblaten</i>	1.000 mg/kg (b)
		— Tidlik għal fuq il-ħobż, ibbażat fuq il-kawkaw, ħalib, frott niexef jew xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1.000 mg/kg (b)
		— Ċereali għall-kolazzjon b'kontenut ta' fibra ta' aktar minn 15 %, u li ikun fih ta' l-anqas 20 % ta' granza, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1.000 mg/kg (b)
		— Ħelu żgħir biex jiffriska n-nifs mingħajr zokkor miżjud	2.500 mg/kg (a)
		— Ċjuwing ġamm mingħajr zokkor miżjud	2.000 mg/kg (a)
		— Sidru u xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas	350 mg/l (a)
		— Xorb li jikkonsisti ftahlit ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, sidru, xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas, spirti jew inbid	350 mg/l (a)
		— Xorb spirituż li ikun fih anqas minn 15 % alkoħol skond il-volum	350 mg/l (a)
		— Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jisboqx il-1,2 % vol	350 mg/l (a)
		— 'Bière de table/Tafelbier/Table beer' (kontenut oriġinali wort ta' anqas minn 6 %) ħlief għall-'Obergäriges Einfachbier'	350 mg/l (a)
		— Birra b'aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi bħala NaOH	350 mg/l (a)
		— Birra kannella tat-tip 'oud bruin'	350 mg/l (a)
		— Birra b'enerġija mnaqqsa	25 mg/l (b)
		— Silġ li jittiekel, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg (b)
		— Frott fil-landi jew ibbottiljat, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Kunserva bl-enerġija mnaqqsa, ġelli u marmellati	1.000 mg/kg (b)
		— Preparazzjonijiet tal-frott u ħxejjex bl-enerġija mnaqqsa	350 mg/kg (a)
		— Frott u ħxejjex ħelwin-morri ppriservati	200 mg/kg (a)
		— <i>Feinkostsalat</i>	350 mg/kg (b)

Nru KE	Isem	Oġġetti ta' l-ikel	Doża massima użabbli
		— Ħut u marinati ħelwin-morri priservati jew semi-priservati, krstaci u molluski	200 mg/kg (a)
		— Sopot b'enerġija mnaqqsa	110 mg/l (b)
		— Zlazi	350 mg/kg (b)
		— Mustarda	350 mg/kg (b)
		— Prodotti fini tal-furnara għal użi speċjali ta' nutriment	1.000 mg/kg (a)
		— Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija mnaqqsa għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmija fid-Direttiva 1996/8/KE	450 mg/kg (a)
		— Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċinali kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE	450 mg/kg (a)
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma likwida	350 mg/l (a)
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida	500 mg/kg (a)
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, bbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduta f'forma ta' tip ta' ġulepp jew li jintmagħdu	2.000 mg/kg (a)"